Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0156(NLE)

12.2.2026

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (11283/2025 – C10-0278/2025 – 2025/0156(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jaroslav Bžoch

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 7

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta’ data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u kriminalità serja
(11283/2025 – C10-0278/2025 – 2025/0156(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (11283/2025),

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta’ data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u kriminalità serja (11284/2025),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 87(2), il-punt (a), u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0278/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Iżlanda.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-konklużjoni tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja tirrappreżenta pass importanti biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità tranżnazzjonali serja.

Il-Ftehim dwar il-PNR mal-Iżlanda se jippermetti t-trasferiment ta' data dwar il-passiġġieri miġbura mil-linji tal-ajru lill-awtoritajiet nazzjonali għal finijiet ta' sigurtà. Huwa importanti, minħabba li din l-informazzjoni tista' tipprovdi lill-awtoritajiet b'elementi importanti li jippermettulhom jiskopru xejriet ta' vvjaġġar suspettużi u jidentifikaw l-assoċjati tal-kriminali u tat-terroristi, b'mod partikolari dawk li qabel ma kinux magħrufa mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Dan mhux biss se jidentifika t-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità serja, bħal reati relatati mad-droga, it-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tat-tfal, iżda se jgħin ukoll biex jiġi evitat li jitwettqu reati bħal dawn. L-ipproċessar tad-data tal-PNR wera li huwa għodda effettiva biex tissaħħaħ is-sigurtà taż-żona Schengen billi jikkontribwixxi għad-detezzjoni tal-kriminalità fil-fruntieri esterni u jippermetti lill-Istati Membri japplikaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju u mmexxi mid-data fiż-żona Schengen.

Ta' min jissottolinja li l-ftehim jirrifletti bilanċ għaqli bejn il-ħtiġijiet tas-sigurtà u l-protezzjoni tal-privatezza individwali. Jistabbilixxi regoli ċari li jirregolaw l-ipproċessar, il-ħżin, l-użu u ż-żamma tad-data tal-PNR. Qed jiġu inklużi salvagwardji stretti biex jiġi żgurat li d-data tintuża biss għal skopijiet speċifikati, tinżamm biss għal perjodi limitati, u tkun protetta kontra l-użu ħażin jew l-aċċess mhux awtorizzat. Il-mekkaniżmi ta' sorveljanza u d-drittijiet ta' rimedju għall-individwi jkomplu jsaħħu t-trasparenza u r-responsabbiltà. Dan ġie kkonfermat mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, li ħareġ opinjoni pożittiva u kkonkluda li l-ftehim fih is-salvagwardji meħtieġa biex ikun kompatibbli mal-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Biex nikkonkludi, il-ftehim dwar il-PNR mal-Iżlanda juri rikonoxximent kondiviż li l-isfidi moderni tas-sigurtà jirrikjedu soluzzjonijiet ikkoordinati u transfruntiera. Il-ftehim jgħaqqad il-kondiviżjoni msaħħa tal-informazzjoni ma' garanziji robusti dwar il-protezzjoni tad-data, u b'hekk jikkontribwixxi għal ivvjaġġar internazzjonali aktar sikur filwaqt li jirrispetta l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari permezz ta' kondiviżjoni effettiva u f'waqtha tal-informazzjoni, huwa kruċjali biex ikun hemm reazzjoni għat-theddid kumpless u li qed jevolvi mit-terroriżmu u mill-kriminalità tranżnazzjonali serja u, min-naħa l-oħra, itejjeb is-sikurezza u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna. Huwa għalhekk importanti għall-Parlament Ewropew li jagħti l-kunsens tiegħu biex il-Kunsill jikkonkludi dan il-ftehim.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu li fir-rapport tiegħu ma inkludiex kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).